Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Ir-Raba'doża tal-vaċċin COVID-19

8 ta' Lulju 2022

Spiss ix-xitwa iġġib aktar infezzjonijiet minn viruses respiratorji, bħal COVID-19. Biex nipprovdu l-aktar protezzjoni kontra l-COVID-19, booster addizzjonali, jew ir-raba' doża tal-vaċċin COVID-19 hi rrakkomandata għall-persuni f'riskju ogħla ta' marda gravi mill-COVID-19. Din ser tkun il-ħames doża tal-vaċċin COVID-19 għall-persuni li huma severament immunokompromessi.

Int għandek tieħu ir-raba' doża tal-vaċċin COVID-19 jekk int:

- għandek 50 sena jew akbar
- resident ta' faċilità tal-kura tal-anzjani jew tad-diżabilità

Doża addizzjonali hi rrakkomandata wkoll għall-persuni li għalqu 16-il sena jew akbar li:

- huma immunokompromessi
- kellhom ċerti kanċers jew baqgħu ħajjin wara li kellhom ċerti kanċers
- għandhom marda awtoimmuna li għandha bżonn il-kura
- għandhom marda kronika jew severa li tolqot il-pulmuni, il-fwied, il-kliewi, il-moħħ, jew qalbhom
- għandhon id-dijabete li għandha bżonn il-mediċina
- għandhom diżabilità bi bżonnijiet tas-saħħa sinifikanti jew komplessi
- il-piż tagħhom hu ferm akbar jew inqas minn normal.

Persuni li għalqu minn 30 sa 49 sena jistgħu jirċievu wkoll ir-raba' doża jekk jixtiequ jagħmel dan.

Kellem lit-tabib tiegħek jekk int mintix żgur jekk għandekx tirċievi r-raba' doża.

Int tista' tirċievi r-raba' doża tiegħek tal-vaċċin COVID-19 jekk kienu għaddew tal-lanqas **3 xhur** minn meta rċevejt id-doża booster tiegħek.

Int tista' tirċievi l-vaċċinazzjoni COVID-19 fl-istess ħin meta tieħu l-vaċċinazzjoni tal-influwenza.

Jekk int ittestjajt dan l-aħħar pożittiv għal COVID-19, hu rrakkomandat li int tistenna **3 xhur** qabel ma tieħu d-doża tiegħek li jmiss tal-vaċċin COVID-19.

Għal aktar tagħrif żur www.health.gov.au jew ċempel in-National Coronavirus Helpline fuq 1800 020 080. Agħżel għażla 8 għas-servizz bla ħlas tal-interpretar.